## IL-FRATELLANZA TAL-KARITÀ

**Lorenzo Zahra**

Kien il-Papa Klement VIII (1582-1605) li ħareġ bolla sabiex jitwaqqfu fratellanzi bil-għan li jgħinu lill-foqra bil-karita'. Naturalment kien żmien li fid-dinja kien hawn wisq faqar u bosta kienu jgħixu fil-miżerja. Il-Papa Pawlu V li laħaq warajh kompla bil-pubblikazzjoni ta' Bolla Apostolika.

Fostna twaqqfu fratellanzi fuq l-istess linji. Fl-1582 twaqqfet il-Fratellanza tal-Karita' fil-Birgu. Fl-1610 twaqqfet dik tal-Belt Valletta fil-knisja ta' San Pawl. Twaqqfu tnejn oħra, waħda f'Ħaż-Żebbug fl-1695 u oħra fl-Isla fl-1719; ilkoll kellhom l-għan li jgħinu 'l foqra. Kienu fdati minn bosta u f'idejhom kien jitħalla xi ġid biex ikun ta' għajnuna lill-fqar. Għalhekk dawn il-fratellanzi għażlu membri tagħhom stess biex jieħdu ħsieb jiġbru u jqassmu u jamministraw il-ġid li jkun fdat f'idejhom.

Kull waħda minn dawn il-fratellanzi kellha l-karatteristiċi tagħha fit-tqassim lill-foqra. Dik tal-Belt Valletta mwaqqfa fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, mogħnija b'ġid li xi negozjanti ta' l-imgħoddi ħallew f'idejha, kienet mhux biss tqassam legati taż-żwieġ, imma wkoll kellha fondi biex tgħin fil-ħelsien ta' l-iskjavi. Dik tal-Birgu kienet tqassam ħobż lill-fqar, u saħansitra fil-proċessjoni l-fratelli kienu jqassmu ħobż fit-tilari li biż-żmien saru baċiri dekorati (*), li kienu karatteristiċi ta' din il-fratellanza tal-Birgu. Il-fratellanza ta' l-Isla, b'devozzjoni speċjali, intrabtet ma' tal-Kurċifiss, waqt li dik ta' Ħaż-Żebbuġ żammet ukoll l-għan ta' għajnuna lill-fqajrin.

Il-fratellanza tal-Belt, kienet, sa minn bosta snin, nhar Ħadd il-Palm, timla mejda b'ħafna prodotti ta' l-ikel u wara tistieden lill-arċipriet biex ibierek il-proviżjon kollu, u wara jiġu fqajrin minn kull parroċċa, imlibbsa libsa bajda apposta, imsejħa *sacco*, waqt li l-istess fratelli kienu jilbsu fardal abjad u jqassmu l-proviżjonijiet kollha tal-mejda. Maż-żmien din spiċċat biex isservi biss ta' dekorazzjoni, għalhekk, dawn l-aħħar snin, il-fratellanza ddeċidiet li wara li tesponi l-mejda, tqassam il-proviżjonijiet lil xi istituti jew komunitajiet reliġjużi fqajrin, u l-mejda ma baqgħetx issir. Għalkemm b'idea żbaljata, uħud bdew isejħu din il-mejda, "ta' l-appostli", għax kienu jqabbluha ma' l-imwejjed ta' l-appostli li issa saru tant komuni armati f'diversi parroċċi.

(*) Ritratt ta' dan il-baċir deher f' "L-Imnara" Nru.18 (1994) p.15

---



Fratelli tal-Karita fl-oratorju tagħhom fil-knisja parrokkjali San Pawl, Valletta.
*(ritrat: Guido Lanfranco, festa 30-V-1998; jidhru Lorenzo Zahra u Edward Farrugia)*




Muzzetta u konfratija tal-fratellanza tal-Karita tal-Birgu
*(ritratt: Guido Lanfranco, 6-X-1996, mużew parrokkjali, Birgu)*